MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 208/2003

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-Avukat Dottor Robert Abela nominat b' digriet tat-28 ta' Mejju 2003 bhala kuratur ad litem biex jirrapprezenta lill-minuri C D; u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-eredita' ta' missier il-minuri cioe' EF**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-attrici kellha relazzjoni ma’ sieheb taghha, illum mejjet, jismu EAli F, minn liema relazzjoni twieldet tarbija jisimha C D;

Billi fuq ic-certifikat tat-twelid mahrug mill-konvenut, l-imsemmija tarbija giet registrata bhala “unknown father”;

Billi l-attrici tixtieq li l-istess missier naturali tat-tarbija ikun indikat fuq ic-certifikat tat-twelid imsemmi u b’ hekk imsemmi EAli F jkun rikonoxxut bhala il-missier naturali;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri C D huwa l-wild naturali ta’ E F u li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f’ dan is-sens.
2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmi mminuri C D, numru 1866/99 billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsab imnizzel fl-istess att tat-twelid, il-kliem kollu li jindika “unknown father” u l-istess jigu sostitwiti b’ dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi l-process mhux integru u jehtieg li tigi rapprezentata l-eredita ta’ l-imsemmi EAli F u dana wara li tingieb il-prova illi huwa fil-fatt mejjet.

2. Illi jista’ jkun hemm konflitt ta’ interess bejn l-attrici u binha C D u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tara jekk huwiex il-kaz li jigu mahtura kuraturi biex jigi rapprezentat l-istess minuri C D.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi l-intavolar ta’ din il-kawza mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi tal-minuri C D li biha eccepew illi hu m’ huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriserva li jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri meta tinghata informazzjoni ulterjuri dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw l-eredita’ ta’ Mohammed F li biha eccepew illi qabel xejn huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghal din il-kawza;

Illi b’ dana kollu jidher li l-kawza attrici ma tistax triegi billi kawza bhal din tmiss biss lill-minuri C.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tal-kuraturi deputati Dr.Renzo Porsella Flores u PL. Hilda Ellul Mercer;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li binha C D huwa l-wild naturali tal-konvenut, illum mejjet, E F; u l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-twelid tal-minuri. Il-kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw lil EF qed jeccepixxu li l-azzjoni ma tistax treggi peress li din l-azzjoni, diretta ghal dikjarazzjoni ta’ paternita’, “tmiss biss lill-minuri”

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza, fis-succint, huma s-segwenti. L-attrici zmien ilu, wara li kienet ilha separata

minn ma zewgha circa sentejn, kellha relazzjoni ma' E F, u skond hi, minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri C. Sussegwentement Kohmsi miet f' incident tat-traffiku, u l-omm, li ghandha l-kura u kustodja effettiva tal-minuri, trid tavvanza pretensjoni ghan-nom ta' binha minuri, ghad-danni dovuti lill-eredita' ta' F. Din tista' validament issir biss jekk jigi stabbilit u dikjarat li C [li fid-data tal-prezentatazzjoni tal-kawza kellu erba snin] jigi dikjarat li hu l-wild naturali ta' F. Fil-prezent, fic-certifikat tat-twelid il-minuri huwa certifikat bhala bin ta' <u>missier mhux maghruf</u>.

Illi fl-udjenza tal-28 ta' Mejju 2003 il-Qorti, fuq talba ta' l-attrici, hatret kuratur ad litem biex jirrapprezenta l-interess tal-minuri, u dan ghandu jigi inkluz fl-okkju tal-kawza, bhala konvenut. [fol.17]

Illi Kohmsi qed jeccepixxi li din l-azzjoni tista' tigi stitwita validament mill-minuri biss, jew rapprezentant tieghu, stante li huwa ghadu that l-eta', u ghalhekk il-kawza ma tistax treggi.

Illi l-Qorti, wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet fuq din il-vertenza, tikkunsidera opportun is-segwenti osservazzjonijiet;

[1] Illi johrog car mill-ligi, u hekk gie affermat mill-gurisprudenza interpretattiva, li l-azzjoni ghat-tfixxija ta' paternita' ta' tfal imwieldin <u>fiz-zwieg</u>, tispetta biss lit-tifel u lill-eredi jew dixxendenti tieghu [Art.84 u 85]; ghax, tenut kont ta' l-indoli strettament personali ta' l-azzjoni, ghandu jkun it-tifel stess li meta jsir maggjorenni jaghzel jekk iridx jirreklama l-istat ta' illegittimita'. Di fatti, jinsab ukoll ritenut fil-gurisprudenza li azzjoni bhal din l-anqas tista' tigi esperita mill-omm ghal binha minuri, izda mill-wild biss. *[App.Antonio Scerri Gauci vs Dr.Giovanni Scicluna [1952] citat b' approvazzjoni fil-kawza App.Raymond Magro vs Rita Magro deciza 13.06.2005]*

[2] Illi l-kaz odjern, u mill-mod kif inhi mpostata c-citazzjoni, l-attrici mhux qed tattakka l-legittimita' tal-minuri, izda qeda tirriklama l-paternita' tieghu bhala wild

imwieled barra z-zwieg. L-awtur taljan Bianchi[1] fl-esposizzjoni tieghu in materja jghid li bazikament hemm zewg teoriji: [1] dik li ssostni li, gjaladarba l-ligi ma tiddefenix espressament il-persuni li jistghu jippromuovu azzjoni bhal din, allura *"l' azione in ricerca di tale filiazione possa fondarsi, non solo in quell' interesse morale e guridico che e' sempre inerente allo stato delle persone, ma eziando sopra un interesse pecuniario, purche legittimo ed attuale."* u [2] dik li ssostni li r-ricerka tal-filjazzjoni naturali tmiss biss lil wild, u dan stante li l-indagini tal-paternita' hija reklamazzjoni ta' stat personali li huwa dritt essenzialment morali, u ghalhekk *"la reclamazione di esso non puo' avere fondamento legittimo se non sopra un interesse parimente morale."*

Josserva wkoll li, anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li fil-filjazzjoni legittima l-ligi espressament testendi din l-azzjoni ghal werreita tat-tifel, din hija kunsidrata bhala eccezzjoni ghal principju generali; eccezzjoni li, *"giacche' tendente a stabbilire la filiazione legittima <u>non reca nulla di disonorante</u>[2] sicche' non si possa concederne l' esercizio anche a persone estranee aventi interesse"* Filwaqt li *"l'indagine di filiazione naturale porta il disonore alla persona contro cui e' rivolta ed e' causa di perturbazione nella famiglia, ond' e giusto che ne sia limitato l' esercizio al solo figlio che ha un interesse e un diritto prevalente ad ogni altra considerazione, quello cioe' del proprio stato personale."*

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni teorija hija aktar konformi mal-hsieb gurisprudenzjali nostrali, fis-sens li l-azzjoni ghat-tficcija tal-paternita' naturali tista' tigi promossa biss mill-wild, stante li din tikkoncerna lilu personalment u hija dritt inerenti ghalih ispirat minn interess morali, li huwa l-fuq minn kull interess iehor, inkluz dak pekunjarju. Jigi rilevat li f' dan ir-rigward il-ligi ma testendix din l-azzjoni ghall-eredi jew dixxendenti tat-tifel.

---

[1] Corso di Codice Civile Italiano
[2] sottolinear tal-Qorti

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-kuraturi deputati rapprezentanti l-eredita’ ta’ EF, u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju; bl-ispejjez a kariku ta’ l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------